DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010

(2012/567/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Kulleġġ ([1]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7–0051/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI tal-20 ta' Settembru 2005 li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2011)4680 tat-30 ta' Ġunju 2011 li tagħti approvazzjoni għal deroga mitluba mill-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija minn Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija tat-12 ta' Lulju 2010 dwar ir-Rimborż ta' Spejjeż Privati (10/0257/KA),

— wara li kkunsidra l-awditjar estern ikkummissjonat mill-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Nru ta' Referenza tal-Kuntratt CEPOL/2010/001) dwar ir-rimborż ta' spejjeż privati,

— wara li kkunsidra r-rapport finali tal-evalwazzjoni esterna ta' ħames snin tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Nru ta' Referenza tal-Kuntratt CEPOL/CT/2010/002),

— wara li kkunsidra r-Rapport ta' Attività Annwali 2009 tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja, Libertà u Sigurtà,

— wara li kkunsidra r-raba' rapport ta' progress tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Multiannwali (MAP) tiegħu għall-2010-2014,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-MAP tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għall-2010-2014,

([1]) ĠU C 366, 15.12.2011, p. 134.
([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([3]) ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.
([4]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

— wara li kkunsidra n-nota tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-4 ta' Lulju 2011 (Ref. Ares (2011) 722479) dwar it-tielet rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Pluriennali (MAP) tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għall-2010-2014,

— wara li kkunsidra r-rapport u l-annessi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija dwar l-implimentazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar "Kwittanza 2009: Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija",

— wara li kkunsidra r-rapport u l-anness tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija dwar l-applikazzjoni tal-Manwal tal-Akkwist Pubbliku tiegħu għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2010 u l-1 ta' Lulju 2011,

— wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0119/2012),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE